Nru. 764

SKEDAR TA' PROPRJETÀ

Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, Artikolu 46

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar b'din tiddikjara li qiegħda tinkludi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

1. L-art madwar it-tempji ta' Skorba u Ta' Ħaġrat, l-Imġarr, iddikjarata bħala *area* ta' importanza arkeoloġika skond it-termini tal-*Policies* RCO 1, RCO 3 u ARC 7 tal-Pjan ta' Struttura.

2. It-tempji ta' Skorba, l-Imġarr, iddikjarati bħala ta' Klassi A skond it-termini tal-*Policy* ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura.

3. It-tempji Ta' Ħaġrat, l-Imġarr, iddikjarati bħala ta' Klassi A skond it-termini tal-*Policy* ARC2 tal-Pjan ta' Struttura.

4. Barrieri antiki, oqbra u raded fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, iddikjarati bħala ta' Klassi B skond it-termini tal-*Policy* ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura.

5. Oqbra paleokristjani f'Tar-Raghad, limiti ta' l-Imġarr, iddikjarati bħala ta' Klassi B skond it-termini tal-*Policy* ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura.

6. Għerien domestiċi, ċisterna antika u barrieri antiki f'Tar-Raghad, limiti ta' l-Imġarr, iddikjarati bħala ta' Klassi B skond it-termini tal-*Policy* ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura.

7. Oqbra paleokristjani, għerien domestiċi u barrieri antiki, l-Iskorba, limiti ta' l-Imġarr, iddikjarati bħala ta' Klassi B skond it-termini tal-*Policy* ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura.

8. Postazzjonijiet tas-*searchlight* u *radar* ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, l-Iskorba, limiti ta' l-Imġarr, iddikjarati bħala ta' Grad 2 skond it-termini tal-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura.

kif indikati fuq il-mappa f'paġna 7862.

L-Awtorità ta' l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

Is-16 ta' Ottubru, 1998

No. 764

SCHEDULING OF PROPERTY

Section 46 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority hereby declares that it is including in the List of Scheduled Property, in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992, the following property, namely:–

1. The lands surrounding Skorba and Ta' Ħaġrat Temples at Mġarr, designated as an area of archeological importance in terms of Structure Plan Policies ARC 7, RCO I and RCO 3.

2. Skorba Temples, Mġarr, designated as Class A in terms of Structure Plan Policy ARC 2.

3. Ta' Ħaġrat Temples, Mġarr, designated as Class A in terms of Structure Plan Policy ARC 2.

4. Ancient quarries, tombs and cart-ruts at Żebbiegħ, limits of Mġarr, designated as Class B in terms of Structure Plan Policy ARC 2.

5. Palaeochristian tombs at Tar-Raghad, limits of Mġarr, designated as Class B in terms of Structure Plan Policy ARC 2.

6. Cave dwellings, ancient cistern and quarries at Tar-Raghad, limits of Mġarr, designated as Class B in terms of Structure Plan Policy ARC 2.


7. Palaeochristian tombs, cave dwelling and ancient quarries at l-Iskorba, limits of Mġarr, designated as Class B in terms of Structure Plan Policy ARC 2.

8. World War II Searchlight and radar emplacements at l-Iskorba, limits of Mġarr, designated as Grade 2 in terms of Structure Plan Policy UCO 7.

as shown on the map on page 7862.

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards to Scheduled Property.

16th October, 1998



St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E42648, N74715
Max E44499, N76372

Title :-

Area of Archaeological Importance Mgarr

Ref No. :- **GF 261/97**

1 Ta' Hagrat Late Neolithic Temples (Class A)
2 Skorba Late Neolithic Temples & Settlement (Class A)
3 WWII Searchlight & Radar Emplacement (Grade 2)
Tombs (Class B)
Ancient Quarries (Class B)
Cave Dwellings (Class B)
Cistern (Class B)
Buffer Zone
CR Cart-Ruts (Class B)

Form No. :- MU004